KUNSILL LOKALI BORMLA | IS-SITT KUNSILL

MINUTI | SEDUTA NRU. 33

**IT-TNEJN 10 T' OTTUBRU, 2011**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 10 t'Ottubru, 2011, fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**IT-TIENI SEDUTA**

**PREŻENTI (Ħames Kunsillieri)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella u Pablo Cachia Belli.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Skużat: James Cauchi u Roderick Mamo

**AĠENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti (Seduti Nru. 32)
2. Pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2011
3. Rapport ta' l-Awditur u Ittra ta' Direzzjoni 2010
4. Rapport Finanzjarju – April – Ġunju, 2011
5. Aġġudikar ta' Kwotazzjonijiet
6. Grawnds Peppi Delceppo – Finanzi
7. Impjieg ta' Skrivan/a fi skala 15
8. Mozzjonijiet
9. Korrispondenza
10. Xogħlijiet Oħra

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**IMPJIEG TA' SKRIVAN/A FI SKALA 15**

Fuq rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Għażla, is-Sindku ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mis-Sur John Vella, biex is-Sur Lydon Vella jiġi magħżul bħala impjegat tal-Kunsill fuq skala 15. L-intervista saret dakinhar stess fis-6.30pm u s-Sur Lydon Vella kien l-uniku applikant għal din il-pożizzjoni.

Il-Kunsill approva unanimament.

33/10/05 Is-Sindku informa l-kunsilliera li llum saret laqgħa fi Transport Malta mas-Sur Conrad Pule u s-Sur Ivan Vella fejn għaliha attenda hu u s-Segretarju Eżekuttiv, fejn ġew diskussi l-problemi li hemm fis-servizz pubbliku li qed toffri l-Arriva.

Wara li s-Sinjuri ġew infurmati bl-ilmenti tar-residenti huma kkonfermaw li dawn se jiġu rranġati fi-6 ta' Novembru, 2011 inkluż il-frekwena tas-servizz għall-isptar Mater Dei.

33/10/06 Il-kumpanija Seatoland Ltd infurmawna li b'għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropea se jintroduċu servizz bil-baħar fejn qed jistiednu l-Kunsilli Lokali biex ikunu *partners* magħhom. Il-Kunsilli Lokali mhux se joħorġu fondi għal dan is-servizz. Għaldaqstant talbuna biex niltaqgħu magħhom.

Il-Kunsill unanimament approva li niltaqgħu magħhom għal aktar dettalji.

33/10/07 Il-Kunsill unanimament approva li qabel il-festa nitolbu l-kuntrattur preżenti biex jiżbor is-siġar tal-lokal wara li jissottometti stima tax-xogħol.

33/10/08 Il-Kunsill unanimament approva biex nitolbu stima l-kuntrattur biex jirrestawra l-faċċata tal-Kunsill Lokali.

33/10/09 Għall-okkażjoni ta' Jum Bormla, il-Kunsill approva li bħas-snin l-imgħoddija isir konkors għat-tfal ta' l-iskola u bħala premjijiet jingħataw *laptop computer* u żewg *digital cameras*. It-tema tal-konkors għandha tingħażel mill-Viċi Sindku u l-kunsillier Roderick Mamo filwaqt li l-personaġġ li se jingħata Ġieh Bormla għandu jitħabbar fil-laqgħa tal-kunsill li jmiss.

33/10/10 Il-Kunsill unanimament aprova li nixtru kompjuter biex inżidu *point* ieħor u nkabbru r-*router* ta' l-*internet* li fil-preżent mhux jinqabad mill-kmamar kollha.

33/10/11 Il-Kunsill unanimament approva li jeħlu U-Channels fi Triq Ljun faċċata tal-Polyclinic.

33/10/12 Għat-tiżjin li se jsir fil-ġranet tal-Milied, il-Kunsill għandu jagħmel applikazzjoni għad-dawl temporanju lill-Enemalta biex jiġi reġistrat il-konsum.

33/10/13 Il-Kunsill unanimament approva li jibdew isiru lezzjonijiet tal-*life-long Learning* fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali bħas-snin ta' qabel.

33/10/14 Il-Kunsillier Raymond Balzan propona li nitolbu l-ELC biex jiżbru s-siġar ta' ħdejn il-*pitch* tal-boċċi. Il-Kunsill approva unanimament.

33/10/15 Fuq suġġeriment tas-Sur Raymond Balzan nitolbu l-Kummissarju tal-Pulizija biex iniedi lezzjonijiet lir-residenti biex jidħlu rekluti fil-korp tal-pulizija.

Fit-8.30pm il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa u aġġornata għas-7 ta' Novembru, 2011 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Joseph Scerri | Joseph Caruana |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |